**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28 - IT-TLIETA 2 TA' DIĊEMBRU 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

1.2. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.3. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar is-sitwazzjoni tax-xogħlijiet għaddejjin fis-Salina. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill talab laqgħa, però kien għadu ma rċieva l-ebda risposta. Infurmat ukoll li xi residenti fetħu mandat kontra TM. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa dwar dan. Is-Sindku wieġbet li m'hemm xejn x'jista' jsir mill-Kunsill.

1.4. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hemmx xi ħjiel meta se jibda l-proċess tat-tabelli tan-negozji. Is-SE informa li minħabba ammont kbir ta' xogħol ma jistax jgħid eżatt meta se jkun f'pożizzjoni li joħroġ l-offerti.

1.5. Il-Kunsillier Sammut informa lill-Kunsill li l-approvazzjoni għall-annimali waqt l-attività tal-Milied kienet għadha ma waslitx.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

2.1. Is-Sindku infurmat li l-Arċipriet Dun Evan Caruana xorta xtaq jiffirma il-Manwal tal-Festa. Semmiet ukoll li talab €50 aktar tal-kiri tas-sala.

2.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jaċċetta li jħallas €50 aktar. Kien hemm qbil ukoll li l-Manwal għandu jiġi iffirmat.

2.3. Is-SE informa lill-Kunsill li l-barriers li kienu ippjanati li jsiru qabel l-attività għalkemm tlestew, ma kienx rakkomandabbli li ġimgħa qabel l-attività jsiru l-ħofor fit-toroq u għalhekk kien aktar aħjar li wieħed jistenna l-attivitajiet jgħaddu u jsiru meta ma jkunx hemm maltemp.

2.4. Is-Sindku infurmat li dwar l-applikazzjoni tal-MEPA biex tinbena *petrol station* il-Magħtab, il-Kunsill bagħat l-oġġezzjonijiet tiegħu. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kumpanija li jgħatu l-parir lill-Kunsill dwar applikazzjonijiet tal-MEPA ma tawx il parir tagħhom minħabba kunflitt ta' interess. Hija sostniet li l-Kunsill għandu jqabbad xi ħadd ieħor biex jgħati parir lill-Kunsill, u dawn jitħallsu mill-Kumpanija li l-Kunsill għandu kuntratt magħha. Dwar dan il-Kunsill qabel li għandu jieħu parir legali.

2.5. Is-SE informa li l-applikant tat-tabella direzzjonali ta' Ta Strinġi, talab lil Kunsill biex it-talba terġa tiġi kkunsidrata. Il-Kunsill ma qabilx għaliex ħass li d-deċiżjoni ma tistax tinbidel.

2.6. Il-Kunsillier Sciberras informa li n-Naxxar Lions jixtiequ jagħmlu *banner* mal-*multipurpose pitch* biex jippromwovu attività ta' *fund raising* li għandha ssir fit-22 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel.

2.7. F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ jagħti tifkira lill-Kunsill.

2.8. Il-Kunsillier Agius informa li sfortunatament kien għadu ma sab lil ħadd li kien interessat li jkun Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

2.9. Il-Kunsillier Cuomo ressqet rapporti tal-MAGF fuq il-mejda. Hija rrappurtat ukoll fuq iż-żjara li kellha Veneto filwaqt li dwar l-applikazzjoni tal-kultura, se jkun hemm opportunità oħra li jerġgħu japplikaw.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

3.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A.

3.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'B u Ċ rispettivament.

3.3. Fir-rigward tal-kwotazzjonijiet tal-ivvjaġġar għall-proġett *Authentic Europe Network*, kien hemm il-qbil li jintgħażel FCM Travel Solutions, minħabba li huma biss kienu ikkwotaw għall-kategoriji kollha u l-prezz kien ukoll l-irħas.

3.4. Il-Kunsillier Miceli staqsiet jekk l-ispejjez ta' dawn il-proġetti humiex kollha mill-but tal-Kunsill jew jekk hemmx xi fondi mill-UE. Is-SE wieġeb li huma fondi mill-UE, u li filfatt il-Kunsill kien diġà rċieva 50% tal-fondi għal dan il-proġett. Semma però li jista' jkun li l-Kunsill ikollu joħroġ xi ammonti ta' flus jekk il-flus kollha ma jservux. Dan l-aktar għal meta l-avveniment isir f'Malta.

3.5. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jiġi diskuss punt numru 9 mill-Aġenda.

## 4. GĦAŻLA TA' PERSUNI BIEX JIPPARTEĊIPAW FIL-PROĠETT AUTHENTIC EUROPE NETWORK

4.1. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandhom jiġu avviċinati l-Baned (2), l-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari (1) u l-Kumitat tal-Knisja (1). Għandu jiġi avviċinat ukoll Abraham Bellia li huwa marmista kif ukoll is-Sur Gwido Bonett li jaħdem favur l-ambjent u anki ġieli ta *lectures* dwar is-suġġett.

4.2. Kien hemm qbil ukoll li għall-ewwel laqgħa li se ssir ġewwa Sardegna, flimkien mas-SE u s-Sindku, għandhom jitilgħu l-Kunsillieri Galea u Agius.

4.3. Il-Kunsillier Miceli appellat li possibilment fi proġetti simili għandu jkun hemm bilanċ fl-għażla ta' persuni billi jkunu involuti wkoll in-nisa b'mod ekwu ma' dak tal-irġiel.

**5. ĦRUĠ TA' OFFERTI GĦALL-KIRI TA' GARAXX/STORE**

5.1. Is-Sindku sostniet li hemm bzonn li l-Kunsill jidentifika liema huma l-ispecifikazjonijiet li jrid li l-offerenti jsemmi fl-offerta tagħhom, sabiex il-kunsill jimminimizza ċ-ċans li jkollu jwaqqa' u jerġa joħroġ is-sejħa.

5.2. Is-SE irrakkomanda li l-Kunsill m'għandux jorbot lilu nnifsu b'kundizzjonijiet stretti li jista' jwasslu biex ikollu jelimina opportunitajiet li jistgħu jitfaċċaw waqt il-ħruġ tal-offerti.

5.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li toħroġ is-sejħa u jkunu speċifikati li l-garaxx ma jistax ikun iżgħar minn wieħed li jesa' minimu ta' żewġ karozzi. Ikun speċifikat ukoll li lokazzjoni ċentrali u servizzi bħal dawl u ilma jkunu ppreferuti.

**6. SITWAZZJONI TAL-BRING IN SITES**

6.1. Il-Kunsillier Gatt stqarr li l-Kunsill għandu jżomm *Bring in Site* (BIS) waħda biss u jagħmel kamera magħha sabiex kemm jista jkun din tinżamm nadifa.

6.2. Is-SE informa li saret laqgħa mal-GreenMT. Huma aċċertawh li għandhom sistema ta' *tracking*, però din mhux neċessarjament tfisser li l-iskart qed jinġabar. Il-GreenMT wegħedu li se jinfurmaw il-Kunsill meta l-kuntrattur ikun se jbattal il-BIS sabiex il-Kunsill ikun jista jibgħat lil xi ħadd biex jiċċekkja dak il-ħin.

6.3. Il-Kunsillier Sciberras semma li għandu jitneħħa l-kuntrattur preżenti, jitneħħew il-BIS kollha, inkella jitpoġġew eqreb tar-residenti.

6.4. Is-SE semma li l-Kunsill jista jitlob biex jinbidlu t-tip ta' *bins* sabiex ikunu aktar nodfa.

6.5. Il-Kunsillier Sammut insista li l-BIS m'għandhomx jitneħħew.

**7. TIFKIRA TAL-ĦAMES SENA MILL-MEWT TAL-KUNSILLIER VICTOR AGIUS**

7.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li ssir quddiesa għal ruħu possibilment il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2014.

**8. TIBDIL TAL-*PROJECT LEADER* TAL-PROĠETT TA' *MOBILE APPLICATION***

8.1. Is-SE informa li bħal issa il-*project leader* preżenti huwa is-Sindku, però minħabba prattiċità, kien ikun aħjar jekk il-*project leader* ikun is-SE.

8.2. Kien hemm qbil li ssir din il-bidla.

**9. SERVIZZ TA' PARIRI TEKNIĊI FUQ L-OFFERTI GĦALL-*MOBILE APPLICATION***

9.1. Is-SE informa li jkun għaqli li qabel ma tinħareġ is-sejħa għall-offerti, il-Kunsill għandu jikkonsulta ma' professjonist. Dan il-professjonist ma jkunx jista jitfa' offerta, u possibilment ikun inkluż fil-bord tal-għażla.

9.2. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-Kunsilliera għandhom jibagħtu d-dettalji ta' nies li jafu li huma tekniċi lis-SE biex ikun jista' jitlobhom kwotazzjoni.

**10. TAĦDIDIET DWAR L-ANSJETÀ FIT-TFAL**

10.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jorganizza dawn it-taħdidiet.

**11. PROPOSTA MILL-KUMMISSJONI ŻGĦAŻAGĦ TAL-BANDA PEACE F'GĦELUQ L-20 SENA MIT-TWAQQIF TAGĦHOM**

11.1. Il-Kunsillier Agius spjega kif il-proposta kienet tikkonsisti f'attività tal-għoti tad-demm, fejn wieħed ikun jista' wkoll jiċċekja l-pressjoni u z-zokkor, kif ukoll li jitħawwlu 20 siġra (il-post ta' fejn jitħawwlu jiddeċidieħ il-Kunsill). Xtaqu wkoll li jitwaħħal arblu fuq is-*central strip* ta' ħdejn il-GS.

11.2. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li l-Kunsillier Agius jgħid lill-kazin biex jikteb ittra formali lill-Kunsill.

**12. SERVIZZI KOMUNITARJI GĦALL-ANZJANI**

12.1. Is-SE informa lill-Kunsill li kienet waslet stedina biex il-Kunsilli Lokali jikkollaboraw biex joffru servizzi komunitarji għall-anzjani. Kopja ta' din l-email kienet intbagħtet lil kull Kunsillier.

12.2. Huwa fakkar li kien qiegħed ikun mistenni li l-Kunsilli jissottomettu proposti konkreti u dettaljati ta' kif jista' jkun hemm servizzi ġodda bi sħubija mas-settur privat permezz ta' Public Private Partnership.

12.3. Is-Sindku infurmat li kienet tkellmet mal-anzjani fejn infurmawha li jixtiequ servizzi ta' Podoloġisti, Fiżjoterapisti, *Occupational Therapy*, Tobba u avukati.

12.4. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob li jingħataw is-servizzi msemmija.

**13. TMIEM IL-LAQGĦA**

13.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2015.

13.2. Il-laqgħa intemmet fl-22:26.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

A

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 28

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mis-7 ta' Novembru 2014 sal-25 ta' Novembru 2014

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €247.46 | €247.46 | T | PF | Review of planning applications - Oct 14 | 31/10/2014 | 1444 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Andrew Vassallo Ltd | €494.50 | €494.50 | D | PF | 54 manhole covers class B125 size 100x100 waterpole & 1 manhole cover festa diam 200 | 24/11/2014 | 3238-14av | 5013 | 5013 | 2210 | |
| 3 | Antonia Muscat | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq Korfu | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18171 |
| 4 | Arms Ltd | €780.00 | €780.00 | D | PF | Application fee & deposit on consumption for a temporary elctricity supply in Triq Santa Lucija, Triq il-Parrocca, Triq Bahar ic-Caghaq, Triq il-Kbira, Triq il-Labour and 21st Sept Avenue | n/a | n/a | n/a | n/a | 3362 | 18098 |
| 5 | Arms Ltd | €64.43 | €64.43 | D | PF | Electricity bill for the Public Garden & Parking [Period: 03/06/2014 till 02/09/2014] | 13/11/2014 | 19468713 | n/a | n/a | 2130 | 18156 |
| 6 | Arms Ltd | €213.45 | €213.45 | D | PF | Electricity bill for Gnien l-Unjoni Ewropeja [period: 31/05/2014 till 02/09/2014] | 13/11/2014 | 19468711 | n/a | n/a | 2130 | 18157 |
| 7 | Arms Ltd | €417.90 | €417.90 | D | PF | Electricity bill for the Public Garden in Triq Sir Harry Luke [period: 30/7/2014 till 24/10/2014] | 13/11/2014 | 19468718 | n/a | n/a | 2130 | 18158 |
| 8 | Arms Ltd | €189.35 | €189.35 | D | PF | Electricity bill for the Water Pump in Triq il-Parrocca [Period: 30/07/2014 till 01/10/2014] | 13/11/2014 | 19469173 | n/a | n/a | 2130 | 18159 |
| 9 | Arms Ltd | €65.61 | €65.61 | D | PF | Electricity bill for Gnien il-Hamrija [Period: 03/06/2014 till 02/09/2014] | 13/11/2014 | 19468717 | n/a | n/a | 2130 | 18160 |
| 10 | Arms Ltd | €199.87 | €199.87 | D | PF | Electricity & water consumption bill for Gnien l-Ghenieq [period: 03/06/2014 till 02/09/2014] | 13/11/2014 | 19468714 | n/a | n/a | 2130 | 18161 |
| 11 | Bitmac Works Ltd | €72.80 | €72.80 | D | PF | Instant road repair | 14/11/2014 | 112013 | 4989 | 4989 | 2311 | |
| 12 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 12th claim on a/c | 10/11/2014 | 141101 | n/a | n/a | 3130 | |
| 13 | Calleja Ltd | €132.87 | €132.87 | D | PF | Metal Halide bulbs for Gnien l-Imhalla | 12/11/2014 | 70019341 | 4960 | 4960 | 2310 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Calleja Ltd | €52.03 | €52.03 | D | PF | Metal halide choke, ignitor, capacitor, etc for Street lamp in Triq il-Parrocca | 19/11/2014 | 70019628 | 4997 | 4997 | 2310 | |
| 15 | Camron Garage | €77.88 | €77.88 | D | PF | Transport service from Naxxar outskirts to Local Council & return [Kre Anza] - Oct 14 | 03/11/2014 | 118 | 4927a | 4927a | 2720 | |
| 16 | Camron Garage | €77.88 | €77.88 | D | PF | Transport service from Naxxar outskirts to Local Council & return [Kre Anza] - Nov 14 | 30/11/2014 | 120 | 4969b | 4969b | 2720 | |
| 17 | Casapinta Design Group Ltd | €1,227.20 | €1,104.48 | K | PF | Hiring of 40 blue exhibition panels equipped with lights + 5 blue panels as an extension for backdrop "Arts, Hobbies & Crafts Nov 14" less credit note 1535 | 07/11/2014 | 14316 | 4956 | 4956 | 3370 | |
| 18 | Cassar Air-Conditioning Systems Ltd | €2,119.00 | €2,119.00 | T | PF | A/c coming with 6 extra twin lagged copper pipes | 15/11/2014 | 24959 | 4870 & 4946 | 4870 & 4946 | 7320 | |
| 19 | CDA Ink & Toner Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | HP CE 285A HP P1102 - Ink for office printer | 20/11/2014 | 11288 | 5000 | 5000 | 2670 | |
| 20 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Oct 14 | 31/10/2014 | 282 | n/a | n/a | 3051 | |
| 21 | Christopher Hili | €96.71 | €96.71 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq PH Skippon | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18078 |
| 22 | Clint Muscat | €50.00 | €50.00 | D | PF | Hire of cherry picker "Arts, Hobbies & Crafts 2014" | 03/11/2014 | 9312524 | 4969a | 4969a | 3370 | |
| 23 | Commissioner of Inland Revenue Dept | €2,276.84 | €2,276.84 | D | PF | FSS + NI - Oct 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 18099 |
| 24 | CSD Office Trade | €27.96 | €27.96 | D | PF | permanent markers, 2 pkts of A3 papers. | 19/11/2014 | 51054 | 5001 | 5001 | 2620 | |
| 25 | CSD Office Trade | €30.44 | €18.64 | D | PF | Tippex less credit note 51053 | 19/11/2014 | 51055 | 5002 | 5002 | 2620 | |
| 26 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette dated 14/11/2014 re. reserved parking bays for Palazzo Parisio | n/a | n/a | 4984 | 4984 | 2940 | 18080 |
| 27 | Department of Information | €18.64 | €18.64 | D | PF | Advert on the Govt Gazette 1. dated 25/11/2014 re. tow zones & closures re Xmas Event 2014 & 2. dated 21/11/2014 re. quotations Nov 2014 | n/a | n/a | 4993 & 5010 | 4993 & 5010 | 2940 | 18164 |
| 28 | Ecopure Ltd | €425.00 | €425.00 | D | PF | 100 18.9ltrs of San Michel Table Water + 20 free | 20/11/2014 | 48926 | 5002a | 5002a | 3320 | |
| 29 | Esmeralda Galea | €100.00 | €100.00 | D | PF | Piano retical "Car Free Day Sept 2014" | 20/09/2014 | n/a | 4922a | 4922a | 3370 | |
| 30 | Euro Clean Waste Services | €806.65 | €806.65 | T | PF | Bulky refuse collection - Apr 14 | 18/11/2014 | nxr081 | n/a | n/a | 3042 | |
| 31 | Euro Clean Waste Services | €1,022.00 | €1,022.00 | T | PF | Bulky refuse collection - May 14 | 18/11/2014 | nxr082 | n/a | n/a | 3042 | |
| 32 | Euro Clean Waste Services | €1,138.80 | €1,138.80 | T | PF | Bulky refuse collection - Jun 14 | 18/11/2014 | nxr083 | n/a | n/a | 3042 | |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Euro Clean Waste Services | €1,098.65 | €1,098.65 | T | PF | Bulky refuse collection - Jul 14 | 18/11/2014 | nxr084 | n/a | n/a | 3042 | |
| 34 | Floreal Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Flower arrangement for Council meeting dated 11/11/2014 | 11/11/2014 | Nxr 10/14 | 4949 | 4949 | 3320 | |
| 35 | G4S Security Services Ltd | €407.10 | €407.10 | D | PF | Cash collection service - Oct 14 | 31/10/2014 | GS011079 | n/a | n/a | 3190 | |
| 36 | Ghaqda Muzikali Marija Bambina Banda Vittorja | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | 4 sets of xmas lights | 22/06/2014 | Nxr 01/14 | 4830a | 4830a | 3362 | |
| 37 | Ghaqda Muzikali Marija Bambina Banda Vittorja | €700.00 | €700.00 | D | PF | 2 sets of xmas lights | 19/11/2014 | Nxr 02/14 | 4954 | 4954 | 3362 | |
| 38 | Go plc | €73.79 | €73.79 | D | PF | Telephony monthly pay - Oct 14 (21416341) | 14/11/2014 | 40748337 | n/a | n/a | 2160 | 18153 |
| 39 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Telephony monthly pay - Oct 14 (21416363) | 14/11/2014 | 40748340 | n/a | n/a | 2160 | 18154 |
| 40 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Telephony monthly pay - Oct 14 (21417224) | 14/11/2014 | 40748284 | n/a | n/a | 2160 | 18155 |
| 41 | Herman Scifo | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Kappella tax-Xaghra | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18170 |
| 42 | Image Systems Ltd | €132.83 | €132.83 | D | PF | Ink for office photocopier - Oct 14 | 31/10/2014 | FSMA/109339 | n/a | n/a | 2670 | |
| 43 | Joseph Caruana Co Ltd | €240.00 | €240.00 | D | PF | 2 Galvanised Hollow section round bars 60x2 & 17 hollow section round bars 42x2 | 14/11/2014 | 153478 | 4985 | 4985 | 3362 | |
| 44 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Ground warden - Nov 14 | 30/11/2014 | 158735 | n/a | n/a | 3191 | |
| 45 | Keith Cardona | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq E Bradford | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18168 |
| 46 | Leo's Garage Paramount | €268.76 | €268.76 | K | PF | Transport service for the elderly - Oct 14 | 31/10/2014 | 10000854 | 4939 | 4939 | 2720 | |
| 47 | Lino Pirotta | €250.00 | €250.00 | D | PF | Music playing during Car Free Day Sept 14 | 14/11/2014 | Nxr/001/14 | 4922b | 4922b | 3370 | |
| 48 | Lorry Azzopardi | €60.00 | €60.00 | D | PF | Opening of drainage blockage at Naxxar Public Convenience in Nov 14 | 07/11/2014 | Nxr/002/14 | 4979 | 4979 | 2310 | |
| 49 | Maria Deguara | €858.52 | €858.52 | D | PF | Mayor's allowance - Nov 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 50 | Mario Farrugia | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq ix-Xehda | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18169 |
| 51 | Melania Farrugia | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Ifran | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18165 |
| 52 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Provision, maintenance & support of Wide Area Connectivity [period: Oct till Dec 14] | 19/11/2014 | 31074 | n/a | n/a | 3110 | |
| 53 | MITA | €44.71 | €44.71 | D | PF | E-mail a/cs for the period: Jul-Sept 14 | 20/11/2014 | 31143 | n/a | n/a | 3110 | |
| 54 | Nathalie Cachia Bonavia | €100.00 | €100.00 | D | PF | Clarinett retical "Car Free Day Sept 2014" | 20/09/2014 | n/a | 4922a | 4922a | 3370 | |
| 55 | Nicholas Warrington | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18167 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Ozosystem Ltd | €488.52 | €488.52 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Oct 14 | 31/10/2014 | 25396 | n/a | n/a | 3055 | |
| 57 | Parrocca Marija Bambina | €550.00 | €500.00 | D | PF | Oratory Hall for Arts, Hobbies & Crafts Nov 14 | 12/11/2014 | Nxr/001/14 | 4968a | 4968a | 3370 | |
| 58 | PC Options Ltd | €20.62 | €20.62 | D | PF | Cds, dvds & network card | 10/11/2014 | MP5I10948 | 4982 | 4982 | 2620 | |
| 59 | Permanent Secretary Ministry of Justice | €45.00 | €45.00 | D | PF | Advert on The Malta Independent dated 19/11/2014 re. quotations Nov 2014 | n/a | n/a | 4992 | 4992 | 2940 | 18163 |
| 60 | R&G Hardware Store | €59.65 | €59.65 | D | PF | Wire, swivels, clips, etc | 25/11/2014 | 36606 | 5018 | 5018 | 2210 | |
| 61 | Richie's Ironmongery | €6.85 | €6.85 | D | PF | Cable clips, etc. | 07/11/2014 | 5019aa | 4977 | 4977 | 2210 | |
| 62 | Richie's Ironmongery | €107.71 | €107.71 | D | PF | Brown braided, insulation tape & cable ties. | 14/11/2014 | 5040aa | 4986 | 4986 | 3362 | |
| 63 | Staff wages | €7,365.42 | €7,365.42 | D | PF | Staff wages - Nov 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 64 | The Wholesaler BEL Group Ltd | €42.59 | €42.59 | D | PF | Relay 8 PIN RND 240V qty 3 & Relay Base 8 PIN Round qty 3 | 11/11/2014 | 48188 | 4981 | 4981 | 3362 | |
| 65 | Vodafone MT | €134.63 | €134.63 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 14 (79404014) | 01/11/2014 | 4350489112014 | n/a | n/a | 2160 | 18076 & 18077 |
| 66 | Vodafone MT | €102.99 | €102.99 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 14 (99370990) | 01/11/2014 | 4354708112014 | n/a | n/a | 2160 | 18172 |
| 67 | WasteServ Malta Ltd | €4,753.51 | €2,888.54 | D | PF | Allocated msw waste - Oct 14 (1st half) | 01/11/2014 | 53242 | n/a | n/a | 3040 | |
| 68 | White Bros | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq ir-Ramla | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18166 |
| | | **€38,976.10** | **€36,926.61** | | | | | | | | | |

**B**

**Income list for the month of November 2014** **01/12/2014**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | others (please specify) | €10.00 |
| 0001 | Annual allocation from Government (3rd tranche) | €206,355.00 |
| 0015 | Other Government Income - Clerks' Collective Agreement 2012-2014 & re. new street lighting in Triq San Frangisk t'Assisi | €17,036.96 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €139.74 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €140.00 |
| 0025 | Skip Permit | €88.87 |
| 0026 | Crane Permit | €609.95 |
| 0027 | Kiosk Permit | €265.61 |
| 0028 | Outside Activity permit | €55.80 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €30.00 |
| 0036 | Contraventions | €116.47 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €658.30 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €200.00 |
| 0125 | Trenching permits | €6.99 |
| 0200 | Debtors | €223.60 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,390.00 |
| 4007 | Other refundable deposits (re. Usage of stands free of charge during Xmas Event 2014) | €140.00 |
| | **TOTAL** | **€227,467.29** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 13010 |
| | To | 13305 |

Ċ

**Purchase Order list for the month of November 2014** **01/12/2014**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 03/11/2014 | 4969a | Clint Muscat | Cherry picker service | €50.00 |
| 03/11/2014 | 4969b | Camron Garage | Transport service from Naxxar Outskirts to Local Council & return - Nov 14 [Kreanza] | €77.88 |
| 03/11/2014 | 4970 | DOI | Advert Nov 2014 - Tenders | €9.32 |
| 03/11/2014 | 4971 | DLG | Advert Nov 2014 - Tenders | €70.00 |
| 03/11/2014 | 4972 | Koptasin | Sign disabled | €55.60 |
| 05/11/2014 | 4973 | Vincent Mifsud Co. Ltd. | 20 power cord kit + shrink r/light and 360 ropelight clear x1mtr cut | €719.08 |
| 05/11/2014 | 4974 | FAS Ltd | Ambulance + driver + first aider service "Xmas Event 2014" | €155.76 |
| 06/11/2014 | 4975 | Velton Trading | 10 boxes of 100 15w clear lights | €600.00 |
| 06/11/2014 | 4976 | Richie's Ironmongery | Cable ties & 2 voltage testers | €43.35 |
| 06/11/2014 | 4977 | Richie's Ironmongery | Male, female & a box of clips 6mm | €6.85 |
| 06/11/2014 | 4978 | Koptasin | 13 No Entry Signs '40cm' | €221.00 |
| 06/11/2014 | 4979 | Lorry Azzopardi | Opening of drainage at the Public Convenience | €60.00 |
| 06/11/2014 | 4980 | Joseph Caruana Co Ltd | Hollow section round pipes | €238.00 |
| 10/11/2014 | 4981 | The Wholesaler | Relay 8 pin RND 240v & relay base 8 pin round | €42.59 |
| 10/11/2014 | 4982 | Scan Computers | CDs, DVDs & Network Card | €22.50 |
| 10/11/2014 | 4983 | Valletta Trading Ltd | 192mtrs silver tinsels | €144.00 |
| 10/11/2014 | 4984 | DOI | advert re Palazzo Parisio permit for bays | €9.32 |
| 13/11/2014 | 4985 | Joseph Caruana Co Ltd | Hollow section round pipes | €240.00 |
| 14/11/2014 | 4986 | Richie's Ironmongery | Brown braided 2.5, insulation tape, cable ties. | €107.71 |
| 14/11/2014 | 4987 | Melita Trains Ltd | Train rides for BIC Xmas Party on the 15/12/2014 | €177.00 |
| 14/11/2014 | 4988 | Charles Sant | Service of a skip Qalet Marku 15/11/2014 | €75.00 |
| 14/11/2014 | 4989 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €72.80 |
| 18/11/2014 | 4990 | CV Woodworks | Main door striker (Council front office) | €18.88 |
| 18/11/2014 | 4991 | Archway Ironmongery | Blue plastic cover 6x8, kaxxa msiemer, 4 kurrenti | €44.97 |
| 17/11/2014 | 4992 | DLG | Advert dated 19/11/2014 on TMI | €45.00 |
| 17/11/2014 | 4993 | DOI | Advert dated 21/11/2014 on Govt Gazette | €9.32 |
| 17/11/2014 | 4994 | Floreal Home | Flower arrangement for Council meeting no 28 dated 2/12/2014 | €20.00 |
| 17/11/2014 | 4995 | Viti Malta | Wine for Xmas Lunch for the elderly 2014 | €115.20 |
| 17/11/2014 | 4996 | Coleiro General Supplies | White paint | €180.54 |
| 18/11/2014 | 4997 | Calleja Ltd | Metal halide choke, ignitor, capacitor, etc. | €52.03 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 19/11/2014 | 4998 | Albert McCarthy | Santa Klaws animation at Bahar ic-Caghaq for the Xmas Party 2014 | €100.00 |
| 19/11/2014 | 4999 | Complete Supplies | A4 gsm 80 paper | €354.00 |
| 19/11/2014 | 5000 | COA Ink & Toner | toner for front desk | €44.99 |
| 19/11/2014 | 5001 | CSD Office Trade | Stationary for office | €27.97 |
| 19/11/2014 | 5002 | CSD Office Trade | Tippex | €30.44 |
| 20/11/2014 | 5002a | Eco Pure | 100 18.9ltrs of San Michel Table water + 20 free | €425.00 |
| 21/11/2014 | 5003 | Koptasin | Tabella sabiex jingabar il-hmieg tal-klieb 'Triq l-Eghnieq' | €37.10 |
| 21/11/2014 | 5004 | Anakron Living History | "Medieval Banquet Scene" during Xmas Event 2014 | €700.00 |
| 21/11/2014 | 5005 | Leo's Garage Paramount | Booking of transport for Nov Cultural Tour - 25/11/2014 - Malta 5d Show "BIC" | €65.00 |
| 21/11/2014 | 5006 | Reuben Seychell | Photography services for the Xmas Event 2014 | €130.00 |
| 21/11/2014 | 5007 | Archway Ironmongery | Wood Primer (5ltrs) Tray + roller tal-foam | €91.33 |
| 21/11/2014 | 5008 | Archway Ironmongery | 2 rolls cable, drill, roll bolts, cable ties, galvanised wire | €161.35 |
| 21/11/2014 | 5009 | Steve Rutland | Filming & editing of Xmas Event 2014 | €295.00 |
| 21/11/2014 | 5010 | DOI | Advert on Govt Gazette re Xmas Event 2014 | €9.32 |
| 24/11/2014 | 5011 | Koptasin | poles for xmas billboards | €106.20 |
| 24/11/2014 | 5012 | A&S Signs and Events | Hire of Marquee tent | €4,307.00 |
| 24/11/2014 | 5013 | Andrew Vassallo Ltd | manhole cover for road closures | €494.50 |
| 24/11/2014 | 5014 | Impressions Ltd. | Large format posters for xmas activity | €500.31 |
| 24/11/2014 | 5015 | Impressions Ltd. | A3 posters for xmas activity | €63.00 |
| 24/11/2014 | 5016 | Impressions Ltd. | A5 flyers for xmas activity | €310.80 |
| 25/11/2014 | 5017 | ELC | 50 puntali | €250.00 |
| 25/11/2014 | 5018 | R&G Hardware Stores | Wire, swivels, clips, etc | €59.65 |
| 25/11/2014 | 5019 | Koptasin | Tabella sabiex jingabar il-hmieg tal-klieb 'Triq ic-ciek' | €37.10 |
| 25/11/2014 | 5020 | Archway Ironmongery | 5 ltrs wood primer, 1 ltr white spirit, 100 washers & 10ltrs kolla bajda. | €66.17 |
| 26/11/2014 | 5021 | Archway Ironmongery | 4 rolls cable 2.5 | €100.00 |
| 27/11/2014 | 5022 | Antoine Fenech Florist | Flower arrangement for funeral "Edwin Ferrante" | €30.00 |
| 27/11/2014 | 5023 | Commissioner of police | Order of 2 police officers for Xmas Event 2014 dated 7/12/2014 between 1.30pm and 8.30pm - bon ordni | €177.76 |
| 28/11/2014 | 5024 | Archway Ironmongery | Wire & 4 tie clips | €17.40 |
| 28/11/2014 | 5025 | Anakron Living History | 2 knights on horseback "Xmas Event 2014" | €250.00 |
| | | | **Total** | **€12,925.09** |